28 ta' Mejju, 1990

Imħallfin: –

**Onor. Carmelo Scicluna LL.D., – President**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Prof. Victor Borg Costanzi LL.D.**

Mary Armla ta' George Bugeja *noe et*

*versus*

George Agius *noe et*

**Sentenza Mogħtija Kontra Persuna (in rappreżentanza ta' soċjetà) li ma baqgħetx Parti fil-Kawża – Nuqqas ta' Minorenni li Jassumi l-Atti tal-Kawża meta jilħaq l-Età Maġġuri fil-Mori tal-Kawża – Ħtieġa o meno li Eċċezzjoni tkun Respinta fil-Parti Dispositiva tas-Sentenza**

*Il-persuna konvenuta fil-kawża kienet is-soċjetà Malta Drydocks iżda billi din hija korp morali jinħtieġu li jkun hemm persuna fiżika li tirraprreżentaha fil-proċeduri sabiex tħares l-interessi tagħha, u għalkemm din il-persuna fiżika tbiddlet fil-mori tal-kawża is-soċjetà konvenuta kienet dejjem u baqgħet fir-realtà l-Malta Drydocks.*

*Skond il-prassi normali meta t-tfal minuri jilħqu l-età maġġuri fil-mori tal-kawża dawn jassuma l-atti f'isimhom. Iżda l-fatt li dan ma jsirx ma jġibx neċessarjament għan-nullità tas-sentenza. Jekk l-event li jagħti lok għat-trasfuzzjoni jew leġittimazzjoni ta' l-atti jiġri meta l-kawża tkun diġa waslet fi stadju li tista' tiġi deċiża, dak l-event ma jġib l-ebda effett peress li jkun jonqos biss l-operat ta' l-awtorità ġudizzarja u għalhekk ma jistax ikun hemm preġudizzju. L-iskop u l-opportunità li t-tfal li jsiru maġġorenni fil-mori tal-kawża (qabel ma din tkun diġa differita għas-sentenza)*

*jassumu l-atti f'isimhom huwa li dawn ikunu jistgħu jħarsu huma l-interessi tagħhom persunalment u direttament. L-interess li jissollevaw tali eċċezzjoni ta' nullità jispetta lilhom biss għaliex huma biss setgħu jiġi ppreġudikati b'dak in-nuqqas.*

*Ġie ritenut li jekk l-eċċezzjoni li ma tiġix deċiża ma tkunx waħda minn dawk imsemmija fl-art.730 tal-Kap.12, dan in-nuqqas ma jimporta ebda nullità.*

Il-Qorti: – Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ;

*Omissis*;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fit-12 ta' Jannar, 1987, li biha laqgħet it-talbiet kollha ta' l-attriċi fil-kwalità tagħha indikati fiċ-ċitazzjoni;

*Omissis*;

Rat in-nota ta' l-appell ta' Sammy Meilaq għan-nom u in rappresentanza tal-Malta Drydocks u tal-Kunsill ta' l-istess Malta Drydocks, li biha, peress li ħass ruħu aggravat mis-sentenza msemmija, interpona appell minnha quddiem din il-Qorti;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell ta' l-istess Sammy Meilaq nomine, li biha, għar-raġunijiet hemm mogħtija, talab illi s-sentenza msemmija tiġi revokata billi jiġu milqugħa l-eċċezzjonijiet tiegħu u miċħuda t-talbiet attrċi;

*Omissis*;

Illi l-appellant issolleva ċerti aggravji ta' natura preliminari, u oħrajn fil-meritu. Din is-sentenza se tkun limitata għall-aggravji preliminari ta' l-appellant. Dawn huma tlieta, u ngħataw fl-ordni li ġejja:

(1) illi s-sentenza ta' l-ewwel Qorti hija nulla, peress li l-konvenut *nomine*, meta ngħatat is-sentenza kien Francis Spiteri nomine u mhux George Agius nomine, u għalhekk l-imsemmija sentenza ġiet mogħtija kontra persuna li ma kinitx parti fil-kawża;

(2) illi fil-mument ta' l-istess sentenza t-tfal tad-deċujus, u ċjoè Gerald, Rosemary u Sharon, ma kinux aktar minorenni, u għalhekk ommhom ma setgħatx tidher aktar għan-nom u in rappreżentanza tagħhom u kwindi anki f'dan ir-rigward is-sentenza ta' l-ewwel Qorti hija nulla; u,

(3) illi l-imsemmija Qorti laqgħet it-talbiet attriċi mingħajr ma tat deċiżjoni fuq l-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenut appellant;

*Omissis*;

Ikkunsidrat:

Dwar **l-ewwel aggravju** ta' l-appellant, illi huwa veru li fil-parti disposittiva tas-sentenza tagħa l-Ewwel Qorti ddikjarat "lill-konvenut George Agius nomine" unikament responsabbli għall-inċident li ta lok għal din il-kawża, u wara li llikwidat id-danni sofferti mill-atturi, ikkundannat lill-istess konvenut "George Agius in rappreżentanza tal-*Malta Drydocks Corporation* iħallas lill-atturi dawn id-danni. Huma veru wkoll

li b'nota tat-12 ta' Mejju, 1987 (fol.57 tal-proċess) Francis Spiteri kien assuma l-atti tal-kawża minflok George Agius, u kwindi dan ta' l-aħħar inħareġ mill-kawża għalkemm, kif inhi l-prassi, ismu baqa' jidher fl-occhio, tal-kawża. Però għar-raġuni li taw l-atturi *fir-risposta tagħhom dan* l-aggravju *ta' l-appellant* mhuwiex tant ġustifikat li jġib għan-nullità tas-sentenza;

Infatti, il-persuna konvenuta fil-kawża (apparti Eugenio Pace u Carmelo Vassallo) kienet is-soċjetà *Malta Drydocks*, iżda billi din hija korp morali jinħtieġ li jkun hemm persuna fiżika li tirrappreżentaha fil-próċeduri sabiex tħares l-interessi tagħha, u għalkemm din il-persuna fiżika tbiddlet fil-mori tal-kawża, is-soċjetà konvenuta kienet dejjem u baqgħet fir-realtà l-*Malta Drydocks*. Intant, hija din l-istess soċjetà li ġiet misjuba responsabbli għall-inċident u kkundannata tħallas id-danni, u mhux il-persuna fiżika li *kienet* qed tirrappresentaha fil-mument tas-sentenza. Fi kliem ieħor il-leġittimu kontradittur ta' l-atturi kienet, għal dak li huwa rilevanti għall-appell, u baqgħet is-soċjetà *Malta Drydocks*;

Inoltre, il-fatt li ġie menzjonat George Agius, flok Francis Spiteri, in rappreżentanza tas-soċjetà konvenuta ma jarreka ebda preġudizzju la għal George Agius (għax dan ma ġiex kkundannat personalment imma f'isem u għan-nom tas-soċjetà imsemmija), la lil Francis Spiteri li kien allura assuma l-atti u lanqas lill-istess soċjetà; u dan l-iżball jew 'lapsus' fl-indikazzjoni tal-persuna rappreżentattiva tas-soċjetà konvenuta fil-mument tas-sentenza lanqas ma sejjer jikkrea xi tfixkil fl-esekuzzjoni tas-sentenza (jekk ikun il-każ) għaliex l-isem ta' George Agius xorta waħda jibqa' jidher, fil-bidu nett tal-occhio, f'kull att ġudizzjarju relattiv u sussegwenti; u iżjed, l-istess żball jew '*lapsus*' ma jinplikax tibdil

fl-identità tas-soċjetà attwalment konvenuta. Forsi kien ikun xorta'oħra kieku dak l-iżball fl-indikazzjoni ta' l-isem kien jammonta għal indikazzjoni żbaljat fl-identità ta' dik il-persuna indikat ħażin (Vol.XXXVI.I.200), iżda f'dan il-każ l-iżball fl-isem ma jimporta ebda tibdil fl-identità tal-persuna attwalment konvenuta. Mela fir-realtà għalkemm George Agius ġie maħruġ mill-kawża, is-sentenza ma ngħatatx fil-konfront tiegħu persunalment bħala kontradittur ta' l-atturi fil-kawża, imma fil-konfront tas-soċjetà konvenuta li sa mill-bidu nett tal-kawża kienet u baqgħet il-leġittimu kontradittur ta' l-atturi. Għal dawn ir-raġunijiet u dawk mogħtija mill-atturi fir-risposta tagħhom l-ewwel aggravju ta' l-appellant mhux ġustifikat;

Ikkunsidrat:

Dwar **it-tieni aggravju** ta' l-appellant, illi ma jidhirx li hemm kuntrast bejn il-partijiet, almenu għal dak li jirrigwarda t-tfal Gerald u RoseMary, li dawn saru maġġoranza fil-mori tal-kawża, u qabel ma l-kawża ġiet differita għas-sentenza. Infatti, il-konvenut nomine kien issolleva din il-fatt fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu (fol.302) ppreżentat bil-visto ta' l-avukat ta' l-atturi fis-7 ta' Marzu, 1986 (u ċjoè qabel ma l-kawża ġiet imħollija għas-sentenza fit-8 ta' Ottubru, 1986); u l-istess konvenut ma ġiex kontradett. Intant, l-istess Gerald u RoseMary, aħwa Bugeja, assumew l-atti tal-kawża kwantu riferibbli għalihom f'isimhom direttament fl-4 ta' April, 1987 (wara l-għoti tas-sentenza impunjata), u kienu indikaw li saru maġġoranza fir-rikors tagħhom tas-17 ta' Frar, 1987 (fol.362) appena kien għadu kemm għadda xahar mill-għoti tas-sentenza;

Illi m'hemmx dubju li meta ġiet inizjata l-kawża t-tfal kienu

għadhom kollha minorenni, u kwindi l-kawża ġiet korrettament promossa minn ommhom, l-attriċi Mary Bugeja, bħala l-ġenitur "li jkun qed jeserċita s-setgħa tal-missier" (Art.781 (a) tal-Kap.12 *tal-Liġijiet ta' Malta*). Issa, huwa veru li *skond il-prassi* normali meta t-tfal minuri jilħqu l-età maġġuri fil-mori tal-kawża, dawn jassumu l-atti f'isimhom. Iżda, il-fatt li dan ma jsirx, ma jġibx neċessarjament għan-nullità tas-sentenza, kif ser jiġi muri aktar 'il quddiem f'din is-sentenza;

Illi infatti l-Kodiċi Malti m'għandux disposizzjonijiet partikulari dwar dak li fid-Dritt Ruman kienet tissejjaħ "*Translatio Judici*"; u nsibu biss id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 806 u 810 tal-Kap. 12 dwar it-trasfużjoni tal-ġudizzju '*pendente lite*' minħabba l-mewt ta' xi waħda mill-partijiet, kemm jista' ikun l-attur jew wieħed mill-atturi, u sew jekk ikun il-konvenut jew wieħed mill-konvenuti. Il-ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati però issupliet bid-deċiżjonijiet tagħha bbażati fuq l-insenjamenti dottrinali. Wieħed mill-insenjamenti akkolti minn din il-Qorti hu dak tal-Mattirolo (ara sentenzi Serra vs. Serra, 10.6.25., Vol. XXVI.I.176; u Callus vs. Psaila 21.11.32., Vol. XXVIII.I. 732), li għall-finijiet analogi għall-każ in eżami, jiddistingwi tliet stadji: l-istadju qabel ma jiġi kostitwit il-ġudizzju, l-istadju qabel ma l-kawża tkun fi stat li tista' tiġi maqtugħa, u l-istadju li fih il-kawża tkun fi stadju li tista' tiġi maqtugħa. Din il-Qorti allura ġiet għall-konklużjoni, paċifikament akkolta fid-duttrina, li jekk l-event li jagħti lok għat-trasfużjoni jew leġittimazzjoni ta' l-atti jiġri meta l-kawża tkun diġà waslet fi stadju li tista' tiġi deċiża, dak l-event ma jġib ebda effett, peress li jkun jonqos biss l-operat ta' l-awtorità ġudizzjarja u għalhekk ma jistax ikun hemm preġudizzju. Fl-istadji l-oħra, l-event għandu jkollu l-effikaċja tiegħu. Hekk, per eżempju, fil-kawża "Tonna vs. Vella

et'' (Vol. XXXVI.I.195) ġie ritenut li ''Sentenza li tiġi mogħtija kontra konvenut li jkun miet fil-pendenza tal-kawża, mingħajr ma tkun saret it-trasfużjoni tal-ġudizzju hija nulla, jekk, meta miet dak il-konvenut il-kawża ma tkunx għadha waslet fi stat li tista' tiġi deċiża. Imma l-eċċezzjoni tan-nullità tas-sentenza f'dawn il-każi ma hiex assoluta, imma biss relattiva (ħlief fil-każ ta' diviżjoni); jiġifieri tista' tiġi mogħtija biss mill-persuna li għandha interess li kellha l-persuna l-mejta''. Anki qabel din is-sentenza, din il-Qorti fil-kawża ''Bonnici utrinque'', 8 ta' Novembru, 1909, kienet qalet a propositu ta' din l-eċċezzjoni illi ''*non era ordine pubblico, ma accrodata unicamente agli eredi o successori del contendente morto*''. U dan jidher loġiku li jkun hekk, għaliex jekk il-bażi ta' l-eċċezzjoni hi, kif indubbjament hija, l-preġudizzju li jista' jkollu l-interess tal-persuna mejta meta din ma tkunx tista' aktar tiddefendi l-interess tagħha; u għalhekk l-eċċezzjoni għandha tmiss biss lil dawk li fihom ikun għadda l-interess li setà jiġi ppreġudikat;

Illi l-prinċipji hawn fuq imsemmija jistgħu, u għandhom, *mutatis mutandis* jiġu applikati għall-fattispecie tal-każ in eżami. Hawnhekk ukoll, fil-fehma tal-Qorti, l-iskop u l-opportunità li t-tfal li jsiru maġġorenni fil-mori tal-kawża (qabel ma din tkun ġa differita għas-sentenza) jassumu l-atti f'isimhom huwa li dawn ikun jistgħu jħarsu huma l-interessi tagħhom personalment u direttament, u dak l-interess ma jibqax tutelat fil-persuna tal-ġenitur tagħhom. Mela l-interess li jissollevaw tali eċċezzjoni ta' nullità jispetta lilhom biss, għaliex huma biss setgħu jiġu ppreġudikati b'dak in-nuqqas. F'dan il-każ l-eċċezzjoni qed tiġi sollevata mill-kontroparti, li għandu interess pjuttost oppost għal dak tat-tfal li saru maġġorenni. Għalhekk, anki dan l-aggravju ta' l-appellant mhuwiex sostenibbli;

Ikkunsidrat:

Dwar ***it-tielet aggravju*** *ta'* l-*appellant*, illi minn eżami tas-sentenza appellata jidher li l-eċċezzjonijiet tal-konvenut appellant ġew it-tnejn li huma eżaminati mill-Ewwel Qorti fil-korp tas-sentenza; u fiha hemm aċċenn espress li l-istess eċċezzjonijiet ma kinux attendibbli.

*Omissis;*

Issa huwa veru li fil-parti dispożittiva tas-sentenza dawn l-eċċezzjonijiet ma ġewx respinti espressament, Però ġie ritenut li jekk l-eċċezzjoni li ma tiġix deċiża ma tkunx waħda minn dawk imsemmija fl-artikolu 730 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap.12), dak in-nuqqas ma jimporta ebda nullità (ara Caruana vs. Gerada, 27.6.49, Vol.XXXIII.I.501; u Fiteni utrinque, 23.5.47., XXXIII.I.57);

Illi l-artikolu 730 imsemmi jipprovdi li l-eċċezzjonijiet fih elenkati – fosthom dik ta' l-illeġittimità tal-persuna – "għandhom jiġu deċiżi b'kapi għalihom, qabel, jew flimkien mas-sentenza fuq il-meritu". Skond il-prinċipju stabbilit fil-kawża Micallef vs. Belle Mc Cance". 7.5.51 (Vol.XXXV.I.101) li segwiet il-kawża Cassar vs Cachia, App. 12.12.31., Vol.XXVII.I.663) eċċezzjoni tali għandha tiġi deċiża b'kap separat, fil-meritu. Jekk dan il-preċett tal-liġi ma jiġix osservat, u l-kawża tiġi appellata, l-uniku rimedju huwa li dik is-sentenza appellata tiġi annullata; u l-atti jiġu rinvjati lill-Ewwel Qorti;

Illi kwindi jista' jiġi objettat, dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut nomine appellant, illi billi l-istess eċċezzjoni ma

ġietx deċiża b'kap separat fid-disposittiv tas-sentenza, allura s-sentenza appellata għandha tiġi annullata; u l-atti jiġu rinvjati lill-Ewwel Qorti mill-ġdid;

Issa, kif jidher mill-artikoli 218 u 219 tal-Kap.12, moqrija flimkien, fis-sentenza għandhom qabel xejn jingħataw ir-raġunijiet li fuqhom il-Qorti tkun ibbażat id-deċiżjoni tagħha; u kull dikjarazzjoni li l-Qorti trid li tkun deċisiva jew obbligatorja, għandha tiġi mdaħħla fid-dispożittiv. Kwindi l-parti dispożittiva tas-sentenza m'għandhiex u ma tistax tiġi iżolata mill-korp l-ieħor tas-sentenza m'għandiex u ma tistax tiġi iżolata mill-Korp l-ieħor tas-sentenza, anzi kif inhu risaput għandu jieħu s-sinjifikat tiegħu mill-korp tas-sentenza. Fil-kawża Theuma vs. Saliba' App.17.11.72, ġie ritenut li dak li hu antecedent neċessarju tad-dispożittiv tas-sentenza u li hu ta' bilfors ovvjament deduċibbli minnu jitqies involut fih u parti minnu (Ara wkoll App. Grima vs. Fava, 26.5.67). Għalhekk, mill-premess jitnissel, fil-fehma tal-Qorti, li fiċ-ċirkustanzi l-mod kif l-Qorti ttrattat dwar l-eċċezzjoni in kwistjoni jissodisfa l-vot tal-liġi; u għalhekk dan l-aggravju ta' l-appellant mhuwiex attendibbli;

Għal dawn il-motivi;

Tiċħad l-aggravji ta' natura preliminari sollevati mill-konvenut nomine appellant, bl-ispejjez kontra tiegħu; u tordna li l-kawsa titkompla fil-meritu.